# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Lulju 2001**

**Numru**

**Citaz. Numru 565/91 DS**

Alfred Ellul f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta' uliedu minuri Kevin u Darren ahwa Ellul; Doris mart l-istess Alfred Ellul, u Charmaine mart Stephen Micallef; ilkoll bhala eredi tal-mejjet Joseph Ellul; u b'nota tat-28 ta' Ottubru 1993 Kevin Ellul assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju stante li sar maggorenni fil-mori tal-kawza; u b'nota tad-9 ta' Gunju 2000 Darren Ellul assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju stante li sar maggorenni fil-mori tal-kawza

vs

Mary armla Xuereb, Vincent Xuereb u Joseph Deguara

Illum, 3 ta' Lulju 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Gunju 1991 li permezz tieghu l-atturi wara li ppremettew:

Illi fit-2 ta' Awissu 1987, go Hal-Lija, ghall-habta tas-6 p.m., Joseph Ellul, bin l-atturi Alfred u Doris Ellul u hu l-atturi l-ohra, miet b'xokk elettriku, waqt li kien qed jahdem fil-gabbana tal-ikel tal-festi propjeta' tal-konvenuta Mary armla Xuereb u li ghat-tmexxija taghha u l-armar taghha kienu responsabbli it-tlitt konvenuti, liema mewt giet kagjonata minhabba nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kif ukoll nuqqas ta' hila fis-sengha u l-arti rikjesta mill-istess konvenuti, li ghalhekk huma responsabbli ghall-omicidju involontarju tal-istess Joseph Ellul;

Illi l-atturi pro. et. noe. ilkoll bhala eredi "ab intestato" tal-mejjet Joseph Ellul, bhala genituri tieghu u hutu rispettivament, sofrew hsarat bl-imsemmija omicidju involontarju ta' Joseph Ellul;

Illi interpellati ufficjalment biex jersqu ghall-likwidazzjoni bonarja u l-hlas tad-danni lill-atturi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-omicidju involuntarju u mewt tal-imsemmi Joseph Ellul grat unikament tort tal-konvenuti jew min minnhom minhabba nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kif ukoll nuqqas fil-hila, sengha u arti da parti tal-istess konvenuti, li ghalhekk huma responsabbli ghad-danni konsegwenzjali ghall-istess mewt li grat go Hal-Lija, fit-2 ta’ Awissu, 1987 fis-6 p.m.

2. tillikwida d-danni okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, fil-konfront ta’ kull wiehed u wahda mill-atturi skond is-sehem tal-wirt tal-mejjet Joseph Ellul li ghandu u ghandha kull wiehed u wahda mill-atturi;

3. tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom ihallsu lil kull wiehed u wahda mill-atturi rispettivament l-ammont hekk likwidat in linea ta’ danni, kif fuq intqal, flimkien ma’ l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 1989.

Bl-ispejjez- komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 1989 – kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Xuereb fejn qalet:

Illi l-eccipjenti ma hi bl-ebda mod responsabbli ghall-incident mertu ta’ din il-kawza fejn fih miet Joseph Ellul iben l-atturi;

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salv eccezjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Deguara fejn qal:

Illi l-eccipjenti ma hu bl-ebda mod responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza fejn fih miet Joseph Ellul iben l-atturi;

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Vincent Xuereb fejn qal:

Illi l-eccipjenti ma hu bl-ebda mod responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza fejn fih miet Joseph Ellul iben l-atturi;

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-7 ta' Ottubru 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz, u dan bl-assistenza tal-Professur  Joseph Agius bhala espert tekniku;

Rat ir-relazzjoni minnhom mahlufa;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

Din il-kawza tirrigwarda incident fuq il-post tax-xoghol li hasad il-hajja ta’ tifel ta’ erbatax-il sena. Joseph Ellul kien jinsab gewwa gabbana proprjeta` tal-konvenuta Mary Xuereb jipprepara ghal serata ta’ bejgh waqt il-festa f’Hal-Lija fit-2 ta’ Awissu 1987 meta, wara li miss, qabad jew gie f’kuntatt ma’oggett tal-metall jew mal-wicc tal-hadid tal-bank tal-gabbana li kien safa elettrikament haj peress li fuq dan il-bank kien hemm *hot dog machine* qed tixxokkja, huwa rcieva xokk elettriku li kkawzat il-mewt tieghu. Fil-gabbana mieghu kellu tifel iehor, Antoine Borg, li kellu tlettax-il sena.

Irrizulta mill-provi li l-*hot dog machine* in kwistjoni ma kellhiex *three pin plug* u l-*wires* taghha kienu gew imqabbdin esternament mal-*pins* ta’ *three-pin plug* li kien qed jissupplixxi elettriku ghal gabbana ohra, b’dan li l-*wires* gew imqabbdin f’sekwenza maqluba. Difatti, kif gie spjegat fir-relazzjoni peritali (para. 14), filwaqt li tarf wiehed tal-*earth wire* tal-*cable* tal-*hot dog machine* kien gie kkonnettjat tajjeb mal-*earth terminal* ta’ din il-magna u ghalhekk effettivament ikkonnettjat ukoll mal-*frame* tal-metall taghha, mit-tarf l-iehor tieghu dan l-*earth wire* kien bi zball gie mqabbad u mibrum mal-*live pin* tat-*three pin plug*. Dan il-*live pin* ikollu soltu impost fuqu potenzjal elettriku perikoluz ta’ cirka 240 Volt hekk kif it-*three pin plug* rispettiv jigi introdott gewwa *socket outlet* li jkollu s-

*switch* tieghu mqieghed fil-pozizzjoni 'ON'. Ghalhekk jirrizulta li l-wicc tal-metall tal-bank li minnu jigi servut l-ikel u x-xorb lill-pubbliku, safa wkoll elettrikament haj jixxokkja, peress li l-*frame* tal-*hot dog machine* kien jinsab jistrieh u elettrikament f'kuntatt ma' dan il-bank. Fil-fatt kull oggett iehor tal-metall li kien jinsab f'kuntatt mal-wicc tal-bank gie b'hekk fi stat li jkun jixxokkja u ghaldaqstant perikoluz.

Irrizulta wkoll mill-provi li s-sistema ta' l-*earthing* tal-gabbana in kwistjoni ma kenitx soddisfacenti u lanqas ma kienet kompletament konformi mar-regolamenti tal-Korporazzjoni Enemalta u ta' l-Institute of Electrical Engineers tar-Renju Unit li kienu *in vigore* fiz-zmien li gara dan l-incident. Joseph Zahra, li kien impjegat bhala *chargehand* ma' l-Enemalta u li kien il-persuna li esegwixxa t-testijiet fuq l-istallazzjoni elettrika abbinata mal-gabbana in kwistjoni ftit hin biss wara li miet Joseph Ellul, xehed li l-*earthing* fil-gabbana ma kienx skond ir-regolamenti u li kien mitluq kollox fuq il-bejt tal-klabb tal-bocci. Huwa stess ertja kollox biex inehhi l-perikolu (para. 17 tar-relazzjoni peritali).

Il-periti gudizzjarji osservaw (para. 19) li kieku s-sistema tal-*earthing* fil-gabbana in kwistjoni kienet kompletament soddisfacenti u konformi mar-regolamenti rilevanti, il-hajja ta' Joseph Ellul kwazi zgur kienet tigi salvata. Osservaw ukoll li, ghalkemm skond ix-xiehda ta' Joseph Zahra, il-Korporazzjoni Enemalta f'dak iz-zmien li gara l-incident setghet ma kenitx qed tesigi li ghandu jkun hemm stallat *earth leakage circuit breaker* (salvavita) fil-gabbani mobbli, mill-banda l-ohra ir-regolamenti tal-Korporazzjoni Enemalta fil-fatt jesigu li fil-kaz ta' gabbani mobbli l-istallazzjoni elettrika ta' go fihom ghandha tinkorpora *"protection by automatic disconnection for the caravan circuits"*. Dan il-bzonn ta' protezzjoni kontra xokkijiet elettrici seta' jigi soddisfatt bl-ahjar mod

permezz ta' stallazzjoni ta' salvavita fil-gabbani mobbli s'intendi akkompanjat minn provvediment ta' sistema ta' *earthing* serja u efficenti. **"Il-prudenza dan kienet titolbu"**, jikkonkludu l-periti.

Izda x'wassal ghal din is-sitwazzjoni?

Jirrizulta li l-konvenuta Mary Xuereb hija proprjetarja ta' numru ta' gabbani li tarma ghall-festi. Meta gara l-incident hija kellha sitt gabbani f'Hal-Lija (ghalkemm kienet ghamlet erba' applikazzjonijiet biss mal-Korporazzjoni Enemalta ghal *meters*) u impjegat diversi nies biex jahdmu fihom, fosthom numru ta' tfal. Il-konvenuti Vincent Xuereb u Joseph Deguara kienu inkarigati generalment mill-garr tal-gabbani u mill-armar u zarmar ta' xi *wires* jew *cables* li jipprovdu l-elettriku lill-gabbani. L-inkarigu ewlieni tat-tfal kien li jippreparaw, iservu u jbieghu l-ikel u xorb fil-gabbani u jghinu xi ftit fil-ftuh u l-gheluq taghhom. Ma jirrizultax li xi hadd minn dawn it-tfal qatt gie direttament imqabbad jew inkoraggit biex jinnavigaw f'xi xoghol ta' l-elettriku.

Wahda mill-applikazzjonijiet li pprezentat il-konvenuta Mary Xuereb kienet tirrigwarda l-gabbana fejn gara l-incident in kwistjoni. Din l-applikazzjoni (Dok. AS bin-numru T/1024/87) tinkludi wkoll il-firma tal-*wiring contractor* M. Zammit bil-licenzja numru 2158 A. Bhala l-persuna kompetenti dan kellu l-obbligu u r-responsabbilta` li personalment jiccekkja, jittestja, jizgura u jiccertifika li l-istallazzjoni elettrika fil-gabbana in kwistjoni kienet fi stat soddisfacenti u kompletament konformi mar-regolamenti *in vigore* dak iz-zmien. Mill-provi prodotti pero` ma jirrizultax kif kien jigi mqabbad dan "M. Zammit" mill-konvenuta, ossia sa fejn kienu jestendu l-mansjonijiet tieghu. Difatti lanqas biss gie prodott bhala xhud.

Wara li tigi sottomessa applikazzjoni, il-Korporazzjoni Enemalta tibghat l-impjegati taghha biex jittestjaw li hemm kollox sew u f'dak il-kaz jigi stallat il-*meter*. Andrew Sapiano, impjegat bhala *tester* ma' l-istess Korporazzjoni, esegwixxa t-testijiet fil-21 ta' Lulju 1987 (tnax-il gurnata qabel l-incident in kwistjoni) meta sab li ma kien hemm xejn hazin fil-gabbana izda spjega wkoll li meta jezaminaw il-gabbani ma jkunx hemm *appliances* fihom.

Fir-relazzjoni taghhom il-periti gudizzjarji kkummentaw li jibqa' dubjuz kemm verament u attwalment l-istallazzjoni elettrika kienet giet iccekkjata u verifikata mill-perusni kompetenti koncernati peress li nonostante l-iccertifikar tal-persuni msemmija, wara l-incident Joseph Zahra ccertifika numru ta'difetti inkluz fis-sistema ta' *earthing* (para. 21). Qabel ma gie stallat il-*meter* u nghata s-servizz elettriku ghalhekk kellu jigi ccekkjat ukoll is-sistema ta' *earthing*. Kif pero` tajjeb osservaw il-periti (para. 36iv), "dan jibqa' validu sakemm dan l-*earthing* ma jkunx gie wara mbaghbas minn terzi". Difatti mhux biss jirrizulta li l-konvenuta kellha sitt gabbani izda ssottomettiet erba' applikazzjonijiet u ghalhekk inghatat biss erba' *meters*, li ghadda zmien konsiderevoli minn meta meta nghatat il-*meters* u gara l-incident, u li meta sar l-ittestjar ma kienx hemm *appliances*, izda jirrizulta wkoll mill-provi li l-incident sehh wara li l-*wires* tal-*hot dog machine* gew imbaghbsin kif spjegat fuq u li dan kien ftit attimi biss qabel ma Joseph Ellul ha x-xokk fatali.

Min kien l-awtur ta' dan in-navigar tal-*wires*? Fir-relazzjoni taghhom il-periti gudizzjarji esprimew il-fehma taghhom li "jezistu indikazzjonijiet sinjifikanti li jissuggerixxu li Joseph Ellul innifsu seta', bl-attivitajiet tieghu, holoq cirkostanzi li eventwalment ikkontribwew jew waslu ghall-

mewt tieghu". Huma rreferew f'dar-rigward ghax-xiehda tal-konvenut Joseph Deguara, u ghal dik ta' Antoine Borg u ta' tifel iehor Jason Scerri. L-atturi ma qablux ma' din il-konkluzjoni u ssottomettew li ghandu jirrizulta li kienet persuna adulta li wahhlet il-*wires* tal-*hot dog machine* u li din il-persuna kienet "prezumibilment il-konvenut Joseph Deguara".

Jigi osservat l-ewwelnett li in kwantu jirrigwarda l-konvenut Vincent Xuereb, dakinhar ta' l-incident huwa kien inkarigat biex iwassal lill-persuni li kienu se jahdmu fil-gabbani sal-post tax-xoghol taghhom. Hu stess imbaghad baqa' ma' wahda mill-gabbani tal-konvenuta hdejn il-Knisja.

Dwar il-konvenut Joseph Deguara, dan xehed li l-gabbana fejn kellhom jahdmu Joseph Ellul u Antoine Borg fetahha fit-tlieta ta' wara nofsinhar, ipplaggja il-*hot dog machine* u l-magna tal-*hamburgers* u wara li kollox kien sew telaq lejn id-dar. Bejn il-5.00 p.m. u l-5.15 p.m. cempillu t-tifel tal-konvenuta u qallu li Ellul kien ha xokk. Qal li meta dahhal il-*plug* fis-*socket outlet* tal-*hamburger machine* u tal-*hot dog machine,* xeghel is-*switch* u ra li kollox kien sew minhabba li meta misshom ra li kienu sahnu. Barra minn dawn l-*appliances* ma kienx hemm ohrajn imqabbdin ma' l-istess *plug*. Il-gabbana hadmet il-gimgha, is-Sibt u l-Hadd u fit-tliet okkazjonijiet ha hsieb jipplaggja s-*sockets* u ghalkemm miss l-*appliances* ma gralu xejn. Kull ma kellu jaghmel l-individwu kien biss li jixghel u jitfi s-*switch* ta' l-*appliance*. Wara l-incident ra l-*wires* imdawrin fuq in-naha ta' barra tat-*terminals* tal-*plug* relattiv ghall-gabbana in kwistjoni.

Jekk il-konvenut Deguara ipplaggja l-*hot dog machine*, x'sar mill-*plug* tieghu? Il-Qorti tista' biss tikkonkludi li jew ma pplaggja xejn jew jekk ipplaggja din il-magna, sussegwentement inqala' l-*plug* biex jintuza post

iehor. Il-Qorti ma tistax tipprezumi, kif ghamlu l-atturi, li kien Deguara stess li dawwar il-*wires* esternament mal-*pins* ta' *three pin plug* izda b'polarita` hazina. Difatti jirrizulta li huwa ma baqax fuq il-post izda mar id-dar; Antoine Borg eskluda li kien xi hadd mill-konvenuti li kien qed jinnaviga bil-*wires* tal-*hot dog machine*; kieku il-*hot dog machine* gie pplaggjat mill-bidu nett bil-mod li nstab, kien isehh incident ferm qabel u precizament ghax kien jinxtghel qabel; u ma kienx ikun hemm ghalfejn id-*decuius* imur ifittex lil xi hadd biex jirrangalu d-dawl.

Li l-*hot dog machine* ma kenitx qed tiffunzjona m'hemmx dubju. Antoine Borg ukoll ighid li l-ewwel *hot dogs* li serva kienu keshin. Dan Antoine Borg xehed ukoll li Joseph Ellul ghamel l-ewwel ftit tal-hin gej u sejjer. Kevin Ellul, hu d-*decuius*, xehed li ghall-habta ta' l-4.30 p.m. huh gie fejn il-gabbana li kien fija u semghu jsaqsi lil Joseph Xuereb, it-tifel tal-konvenuta Mary Xuereb, "fejn hu Francis biex jigi jirrangali d-dawl". Huwa kompla jghid li dan Joseph Xuereb qallu li izjed 'il fuq u ra lil huh tiela' f'dik id-direzzjoni.

Antoine Borg xehed diversi drabi. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi jirreferu ghal dak li xehed fl-inkjesta magisterjali li peress li l-*hot dog machine* ma kenitx qed tahdem, Joseph Ellul mar sejjah lil xi hadd biex jirranga l-*wires* u dan gie u wahhal il-*wires* ta' dik il-magna mal-*plug*. Il-periti wkoll jirreferu ghal din ix-xiehda:

> "Dan (Joseph Ellul) gab wiehed li beda jirranga l-wires. Dan ghandu xi ghoxrin sena, twil mhux ohxon. Qatt ma rajtu. Dan gabu Joseph. Dan tah il-hot dogs u mar. Jekk dan narah naghrfu. Dan wahhal il-wire li kien hemm fl-art. Dan wahhal il-plakka. Ix-xifer tal-bank tal-gabbana kien qed jixxokkja. B'dan ghidt lil Joseph.

> Missu u qal le. Jien hrigt barra u dhalt. Joseph kien hdejn il-bieb ihares. Jiena kont qed nimsah il-bank b'bicca xotta. Jien waqaft u rajt lil Joseph b'tin opener kbira li tkun imwahhla mal-bank u dan beda qisu qed jitnqanzah u sar ahmar. Kellu vina ta' wiccu tidher. Jien hsibtu qed jghawwigha. Jien ghamilt idi fuq il-magna tal-hot dogs u hassejt xokk."

Fis-seduta tat-23 ta' Gunju 1988 quddiem il-Qorti tal-Magistrati, Antoine Borg xehed hekk:

> "F'okkazjoni minhom jiena rajt lil Joseph Ellul fejn il-gabbana qed jithadded ma' wiehed u mbaghad dan rega' warrab.
>
> Sussegwentement rega' gie Joseph Ellul u kellu xi haga f'idejh u kien qed jinnaviga fl-inhawi ta' fejn hemm il-plakka bi switches. X'kien qed jaghmel ezatt jiena ma nafx ghax ma rajtx ezatt x'kien qed jaghmel u lilu ma kellimtux.
>
> ….
>
> Lil dik il-persuna li kienet giet ma' Joseph Ellul meta jiena kont fil-gabbana tal-imputata u li beda jinnaviga fil-wires, jiena hawn hekk ma naghrfux u anzi nista' nghid li mhux wiehed mill-imputati….
>
> ….
>
> Nirrepeti u nghid illi Joseph Ellul ma' qghadx mieghi kontinwament fil-gabbana. F'okkazjoni minnhom gie ma' wiehed ragel u bdew it-tnejn jinnavigaw fl-iswitches.
>
> Jiena ma nafx ezatti dawna x'kienu qeghdin jaghmlu. Imbaghad tajthom il-hot dogs u regghu marru.

> Sussegwentement rega' gie Joseph Ellul b'xi haga f'idejh li jiena ma nafx x'inhi, u beda jinnaviga fejn l-iswitches. X'kien qed jaghmel ezatt jiena ma niftakarx. Jiena ma nafx."

Fis-seduta tal-5 ta' Lulju 1988 quddiem l-istess Qorti qal:

> "Fuq mistoqsija tal-prosekutur jiena nghid illi dak il-persuna li semmejt f'dik ix-xiehda tieghi li jiena rajtu jinnaviga fl-elettriku flimkien ma' Joseph Ellul, jiena ma tajtx kaz dawn x'kienu jaghmlu, ghalhekk ma nistax nghid jekk dan il-guvnott kienx miss xi wires jew le.
>
> Nghid ukoll illi mill-incident 'l hawn lil dan jiena ma rajtux.
>
> Meta Joseph Ellul ipplaggja l-hot dog machine kien f'dak il-mument li jiena hassejt tingiza. Nikkonferma li dakinhar jiena servejt hot dogs keshin…."

Xehed ukoll Jason Scerri, wiehed mit-tfal li kienet timpjega l-konvenuta Mary Xuereb u li fil-gurnata in kwistjoni kien jinsab fil-gabbana li fiha kien hemm Kevin Ellul u Joseph Xuereb. Huwa qal li lil Joseph Ellul f'hin minnhom rah b'*wire* f'idu u li dak il-hin Ellul kien wahdu. In kontro-ezami huwa kkonferma dak li kien xehed waqt l-inkjesta li meta hu llarga mill-gabbana biex imur il-latrina, ra lil Joseph Ellul b'xi *wires* f'idejh u kien qed ibaghbas f'dawn il-*wires*.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha li tressqu f'dan ir-rigward u kkunsidrat il-konkluzjonijiet sew tal-periti gudizzjarji kemm ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet. Jirrizulta bla ebda dubju li Joseph Ellul sejjah ghall-assistenza ta' adult biex jikkonnettjalu l-*hot dog machine*. Sfortunatament ma rrizultax mill-provi min kienet din il-persuna. Ma giet

identifikata fl-ebda istanza; l-anqas fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra t-tliet konvenuti. Mix-xiehda li Antoine Borg ta fl-inkjesta magisterjali u li ghalhekk inghatat *a tempo vergine*, jidher li kien dan l-adult li wahhal il-*wires* mal-*plug*. Fix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati pero` Antoine Borg qal li Joseph Ellul ukoll kien qed jinnaviga fil-*wires*, u Jason Scerri wkoll semma li ra lil Ellul ibaghbas b'xi *wires* li kellu f'idejh. Il-Qorti ttendi biex temmen aktar li kien dan l-adult mhux identifikat li kebbeb il-*wires* mal-*pins* tal-*plug*, izda ma tistax teskludi ghal kollox xi involviment da parti ta' Ellul stess li ried ihaddem il-*hot dog machine* biex din tiffunzjona ghas-serata ta' bejgh li certament kien qieghed jipprospetta. U ghamel hazin Ellul li qaghad fuq l-assistenza ta' persuna mhix idoneja, specjalment meta rrizulta li certu xoghol kien isir mill-konvenuti Joseph Deguara u Vincent Xuereb. Di piu` wara li xeghel il-*hot dog machine* kellu ftit ta' preavviz minn Antoine Borg li hass tingiza u avzah. Huwa preokkupanti hafna wkoll il-fatt li Ellul accetta li l-*wires* tal-magna msemmija jitgebbu mal-*pins* tal-*plug* minn barra, u dan sew minhabba l-immaturita` tieghu kif ukoll minhabba li mill-assjem tal-provi ma jistax jigi eskluz li din kienet procedura li gieli raha ssir. Ghalhekk temmen li certa kontributorjeta` ghandha tigi assenjata lill-istess Joseph Ellul.

Izda l-htija principali lil min ghandha tigi attribwita? L-atturi sostnew li t-tliet konvenuti ghandhom jinzammu responsabbli *in solidum*. Il-periti gudizzjarji kkonkludew li ghal dak li jirrigwarda l-elettriku, l-attivita` tal-konvenuti Joseph Deguara u Vincent Xuereb kienet li jqieghdu l-*plugs* tad-diversi *appliances* fis-*socket outlets* b'mod li persuni ohra, inkluzi t-tfal involuti, kull ma kellhom jaghmlu kien biss li jixghelu s-*switches*. Pero`, u kif tajjeb qalu l-istess periti, ma jirrizultax li fil-perijodu ta' bejn l-istallazzjoni tal-*meter* u l-incident in kwistjoni xi hadd minnhom

innaviga, baghabas jew biddel xi haga abbinata ma' l-istallazzjoni elettrika jew *appliances* elettrici fil-gabbana in kwistjoni. Lanqas ma jirrizulta li fil-gurnata ta' qabel l-incident dan il-*hot dog machine* ma ffunzjonax tajjeb. Fl-assenza taghhom gara xi haga li waslet biex il-*wires* ta' din il-magna spiccaw imwahhlin b'polarita` hazina mal-*pins* ta' *plug* li kien qed jissupplixxi l-elettriku lil gabbana ohra. Jigifieri l-*hot dog machine* spiccat tixxokkja mhux b'rizultat ta' xi attivita` diretta taghhom.

Jista' jinghad li huma responsabbli minhabba xi nuqqas taghhom? L-ebda wiehed minnhom ma kien jifhem fl-elettriku. Izda huma kienu jghaddu l-*wires* u mbaghad jigu ta' l-Enemalta jiccekkjaw. F'dan il-kaz mhux biss sar tali cekkjar izda l-applikazzjoni relattiva giet ffirmata minn *wiring contractor*. Ghalhekk semmai r-responsabbilta` ma kenitx fuqhom izda fuq haddiehor. Haddiehor kien responsabbli li jara li jkun hemm *proper earthing*, li jkun hemm salvavita, li ma jkunx hemm traskuragni ta' *wires* u li jekk ikun hemm rapporti ta' tingiz u ta' xokkijiet, dawn jittiehdu bis-serjeta` u jsiru l-verifiki kollha mehtiega minn min hu kompetenti. Forsi naqsu ghax ma nsistewx bizzejjed mal-konvenuta Mary Xuereb biex kollox jigi testjat u jkun taht skrutinju kontinwu minn bniedem kwalifikat; izda dan in-nuqqas ma jistax jitqies bhala n-*nexus* dirett ma' dak li wassal ghall-mewt ta' Joseph Ellul.

Kull min jimpjega ghandu certi obbligi li jridu jigu osservati. Il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li gie sottomess mill-atturi fin-nota taghhom in kwantu gie deciz mill-Qorti Ingliza fil-kawza **Wilsons & Clyde Coal Co. vs English** (1938 A.C. 57 p.78):

> "In the case of employments involving risk …. It was held that there was a duty on the employer to take reasonable care and to use

> reasonable skill, first to provide and maintain proper machinery, plant, appliances and works; secondly to select properly skilled persons to manage and superintend the business; and, thirdly to provide a proper system of working" (Munkman's "Employer's Liability at Common Law", p. 98).

Il-konvenuta Mary Xuereb kienet timpjega liz-zewg konvenuti l-ohra li ma kinux kwalifikati biex jaghmlu xoghol ta' l-elettriku. Kienet timpjega diversi tfal li minhabba l-immaturita` taghhom ma kinux kapaci jirrejalizzaw il-perikolu li certa attivita` kienet tikkreja. Kellha makkinarju li ma rrizultax adebit minn kollox (*hot dog machine* minghajr *plug*). Kienet lesta tikser ir-regolamenti biex tiffranka xi haga tal-flus (erba' applikazzjonijiet meta kellha sitt gabbani). Ma rrizultax li kellha *electrician* li kien idur sew il-gabbani u l-*appliances* biex jara li dawn qed jiffunzjonaw kif suppost. Ghar-riskji kollha li hadet u li b'rizultat t'hekk ma pprovdietx *a safe and proper system of work*, hija jkollha tirrispondi u taghmel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali.

Riskju magguri certament kien l-impjieg ta' tfal taht l-eta` bi ksur tal-ligi. Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar il-fatt li t-tfal ghandhom dritt igawdu t-tfulija taghhom. Fil-fehma taghha, li jinghataw xoghol u li xi minn daqqiet jigu mgeghla jahdmu ma hu xejn ghajr sfruttament taghhom. Fir-relazzjoni taghhom il-periti gudizzjarji jikkummentaw li l-htija ta' Mary Xuereb hi li ma kellhiex tinqeda bit-tfal; inoltre kienet tinqeda bihom bla sorveljanza serja u kontinwa u b'sens ta' responsabbilta`. Il-Qorti zzid tghid li huwa ghajb ghal min jinqeda bit-tfal u huwa ghajb ghal min ihalli lil min jinqeda b'uliedu. Il-periti ma waslux biex ighidu li l-genituri tad-*decuius* ma kinux qed jiehdu kura ta' binhom u hallewh jipperikola ruhu, u dwar dan il-Qorti ma ghandha xejn

x'tikkummenta hlief li t-tfulija tigi darba biss u huwa d-dmir tal-genituri li jaraw li uliedhom igawduha.

Wara li qieset kollox ghalhekk, ghall-finijiet ta' responsabbilta` il-Qorti se tapporzjona r-responsabbilta` kwantu ghal 75% il-konvenuta Mary Xuereb u kwantu ghal 25% l-istess *decuius*.

Nigu issa ghal-likwidazzjoni tad-danni:

In kwantu d-*damnum emergens* dawn gew likwidati mill-periti fl-ammont ta' Lm694.75. Dawn mhumiex kontestati, hemm id-dokumenti relattivi, u huma gustifikati. In vista ta' l-apporzjonament li sar tar-responsabbilta` l-konvenuta ghandha thallas lill-atturi konjugi Ellul 75% ta' Lm694.75, cioe` **Lm521**.

In kwantu l-*lucrum cessans* il-periti llikwidaw l-ammont ta' Lm10,000. Fin-nota ta' osservazzjoniiet taghhom l-atturi jsostnu li l-ammont ghandu jkun ta' Lm52,000.

Id-*decuius* kellu erbatax-il sena meta gara l-incident. Tenut kont tal-fatt li l-hajja tal-bniedem twalet, li d-*decuius* kien ghad baqaghlu ftit snin ohra ta' skola u li, a skans ta' mewt prematur, ragel jibqa' jahdem bi qliegh sa l-eta' ta' 61 sena, il-Qorti ma ssib l-ebda diffikulta` tadotta multiplier ta' 43 sena.

Ghal dak li jirrigwarda l-qligh medju annwu, meqjus il-firxa tas-snin, id-dhul minn salarju u/jew xoghol barrani, u l-prospetti li seta' kellu guvni li ghad irid jibda sew id-dinja tax-xoghol, l-livell ta' l-ghixien u d-

deprezzament tal-munita, jidher li huwa gust f'dawn ic-cirkostanzi li jittiehed qligh medju ta' Lm70 fil-gimgha.

Mis-somma rizultanti, ghandu jitnaqqas 25% stante l-grad ta' responsabilta`, kif ukoll ghandhom jitnaqqsu 35% ghall-konsum personali u 50% minhabba l-grad ta' dipendenza ta' l-atturi mad-*decuius* u l-fatt li d-*decuius* seta' 'l quddiem jifforma familja tieghu u ghalhekk l-atturi ma kinux jibqghu l-eredi jew id-dipendenti tieghu.

Tenut kont tal-fatt li l-incident gara erbatax-il sena ilu, ma hu se jsir l-ebda tnaqqis ghal *lump sum payment*.

Il-*lucrum cessans* qieghed ghalhekk jigi likwidat hekk:

| | |
|---|---|
| Lm70 x 52 gimgha x 43 sena | Lm156,520 |
| Naqqas 25% (grad ta' responsabilta`) | Lm 39,130 |
| | ----------------- |
| | Lm117,390 |
| Naqqas 35% (konsum personali) | Lm 41,086 |
| | ----------------- |
| | Lm 76,304 |
| Naqqas 50% (grad ta' dipendenza) | Lm 38,152 |
| | ----------------- |
| | **Lm 38,152** |
| | ----------------- |

Ghaldaqstant il-konvenuta Mary Xuereb ghandha thallas b'kollox lill-atturi Lm38,152 + Lm521, cioe` **Lm38,673**.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Vincent Xuereb u Joseph Deguara u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, izda tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Mary Xuereb limitatament kif intqal u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-mewt ta' Joseph Ellul gara tort tal-konvenuta Mary Xuereb minhabba nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kif ukoll nuqqas fil-hila, sengha u arti da parti taghha, u dan fi proporzjon ta' 75% u ghalhekk hi responsabbli ghad-danni konsegwenzjali fl-istess proporzjon,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm38,673 ossia Lm7,734.60 kull wiehed u wahda minnhom,
(3) tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' Lm38,673 ossia Lm7,734.60 kull wiehed u wahda minnhom bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal 75% mill-konvenuta Mary Xuereb u kwantu ghal 25% mill-atturi.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur